MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 552/2005

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Wilfred Asciak I.D. 146879(M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm227.72c (mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut skond Client Contract Number 143935 in rigward ghal servizzi lilu rezi u dana fix-xhur bejn April 2004 u Awissu 2004.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm227.72c (mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------